MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2013

Talba Numru. 991/2011

**Dr Mark Xuereb**
**Vs**
**Ivan Grech Mintoff**

**It-Tribunal**,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-23 ta' Novembru, 2011 fejn l-attur talab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elf tmien mija u hamsin ewro (€1,850) rapprezentanti ghal somma ta' drittijiet professjonali dovuti lilu minnu.

Il-konvenut permezz ta' risposta pprezentata fit-13 ta' Jannar, 2012 ikkontesta t-talba billi eccepixxa illi x-xoghol u servizzi in kwistjoni ma gewx esegwiti fil-parametri tal-inkarigu moghti mill-esponenti u ghalhekk l-esponenti ma hu tenut ihallas xejn.

Minghajr pregudizzju gha-suespost, l-esponent mhux obbligat ihallas ghal xoghol li sar wara li l-inkarigu tal-attur kien gie revokat jew ghal xoghol mhux komplut jew tardiv.

Fi kwalsiasi kaz u mnghajr pregudizzju ghas-suespost, l-inkarigu in kwistjoni ma giex espletat b'mod adegwat u skond l-arti u sengha .

Fi kwalunkwe kaz, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur ma qediex tajjeb l-inkarigu afdat lilu minhabba kunflitt ta' interess.
Fi kwalsiasi kaz, u minghajr pregudizzju ghas-suepost, l-ammont pretiz huwa eccessiv u ingustifikat.
It-talba tal'attur hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt.
L-attur xehed nhar is-27 ta' Frar, 2012 u kkonferma wara li gie ezentat mis-sigriet professjonali tieghu li l-konvenut kein avvicinah flimkien ma' ommu sabiex jevalwa l-kapacita mentali ta' missieru tabib irtirat Dr Joe Grech li jirrisjedi gewwa Villa Messina Rabat. Jghid li intalab jaghmel *assessment* fuq incidenti li sehhew fuq medda ta' ghaxar snin u inoltre jekk kellux il-kapacita li jaghti l-kunsens tieghu fuq transazzjonijiet ta' assi li kellu. Jghid ukoll illi kellu inkarigu sabiex jara jekk il-konkluzjonjiet ta' zewg psikjatri kollegi tieghu fuq l-istat mentali ta' missieru kienux korretti jew le. Jghid li kemm Dr Joseph Cassar kif ukoll Dr Etienne Muscat kienu waslu ghal konkluzjoni li Dr Joe Grech ma kellux il-kapacita li jamministra transazzjonijiet fuq l-assi tieghu.
L-attur qal li sabiex jaghmel dan l-inkarigu kellu hafna xoghol x'jaghmel u sahanistra anki ra xi *case studies* f'dan ir-rigward, jintervista xi *staff* u sahansitra anke kellu jaghmel referenza ghal xi professuri barranin. Qal li kien jinforma lil familjari ta' Dr Grech b'dak li kien qed jaghmel u dawn qatt ma waqfuh jew opponew ghal xi xoghol li kien qed jaghmel anzi urew ix-xewqa li jkunu jafu aktar u rieduh ikompli bl-inkarigu u dan sakemm hareg il-kont tieghu. Qal li dam jahdem fuq dan il-kaz ghal madwar tnax-il xahar. Qal li kien ghamel diversi *visits* lill-Dr Grech f'hinijiet differenti minhabba id-dementia li kellu. Qal li huwa kien spjegalhom li jithallas skond is-siegha u fil-fatt kien f'posizzjoni li jipprezenta *break down* ghal kont tieghu. Qal li fil-fatt kien hareg zewg rapporti wiehed preliminari u l-iehor konklussiv u dawn jinsabu ghand il-konvenut peress li kellu xi kawza civili ohra ghaddejja u kellu bzonnhom ghal dak il-ghan.
Illi nhar is-27 ta' Frar, 2012 l-attur ipprezenta nota b'diversi dokumenti sabiex jissostanza l-inkarigu li kellu u kemm fil-fatt hadem fuq dan l-inkarigu fuq medda tà zmien u kien ha hin biex finalment wasal ghar-rapport li ghamel.

Illi nhar is-27 ta' April, 2012 l-atturipprezenta ittra redatta minn Dr Peter Fenwick Konsulent newro psikoterapista li giet immarkata bhala Dok PF fejn hemm dikjarazzjoni li tali konsulenti qal illi qara r-rapport psikjatriku u assessment tal-kapacita taà Dr Joseph Grech u jikkonferma li ddiskutieh ma' Dr Mark Xuereb. Ghal kuntrarju ta' dak li jghid l-attur fin-nota ta' sottomissjonjiet tieghu Dr Peter Fenwick ma qalx li jaqbel mal-konkluzjonijiet tar-rapport ta' Dr Mark Xuereb imma qal li rah u ddiskutieh mieghu.

Il-konvenut xehed nhar l-24 ta' Mejju, 2012 u qal illi huwa ma jaqbilx ma dak li qal l-attur u dan ghaliex ighid illi kien mar ghand l-attur ghal servizz partikolari u l-attur kien hareg b'xi haga totalment differenti sena u nofs wara li kien ha l-inkarigu. Jghid illi wara li missieru kien ibati minn dimentia u inghata l-prokura ta' missieru mill-Qorti. Il-konvenut beda jaghmel ricerka fuq il-qaghda medika u finanzjarja ta' missieru u sab illi fl-2002 u fit-2006 huwa kien ghamel xi trasferimenti li ma jghamlux sens per ezempju biegh il-proprjeta tieghu kollha u nehha l-flus kollha mill-bank. Meta l-missier trasferixxa l-proprjeta tnizzel illi rcieva l-flus izda dhul ta' dawn il-flus ma jidher imkien. Ghalhekk peress illi kien hemm dawn l-affarijiet li ma jaghmlux sens infethet kawza kontra min allegatament xtara l-proprjeta. Ghal din il-kawza kien hemm prova illi missier il-konvenut ma kienx fi stat mentali tajjeb meta ghamel il-kuntratti. Wara li fittex fir-*records* medici sab illi kien hemm indikazzjonijiet illi d-dementia kienet bdiet qabel ma' iffirma l-kuntratt. Filfatt kien hemm xhieda li qalu li ghaxar snin qabel is-sena 2011 missier il-konvenut kien diga beda jhawwad.

Il-konvenut qabad dawn id-dokumenti u mar ghand l-attur u kkommissjonah sabiex jghidlu jekk missieru ghaxar snin qabel kienx kapaci jaghmel kuntratt jew le. Ir-rapport tal-attur, jghid il-konvenut jirrapporta illi fil-prezenent missier il-konvenut ma kienx kapaci jidhol ghal kuntratt u li mhux f'qaghda li jiffirma kuntratti. It-talba kienet ghal-rapport fuq ghaxar snin qabel peress illi fil-prezent kienet maghrufa l-kundizzjoni tieghu. L-attur halla hafna nformazzjoni mghotija mill-konvenut barra mir-rapport. Il-konvenut jghid illi l-attur kellu *conflict of interest* sabiex ihejji dan ir-rapport u dan peress illi kien jaf il-persuna li kienet qed

tipprezenta ruhha bhala *next of kin* ta' Dr Grech u cioe Dr Herman Borg Xuereb li jigi n-neputi ta' Dr Grech u iben il-persuna li allegatament xtrat il-proprjeta minghand huha Dr Joseph Grech. Filfatt Dr Borg Xuereb u Dr Mark Xuereb kienu kollegi fl-isptar.
Il-konvenut jghid ukoll illi huh kien *email* lil Dr Mark Xuereb sabiex jinfurmah biex jieqaf mir-rapport u ma jaghmilx iktar *visits* lil missierhom. Izda ftit sighat wara li rcieva din l-*email* l-attur lesta r-rapport u baghtu.

Ir-rapport apparti li ma kienx iffinalizzat kellu diversi inezatezzi u informazzjoni nieqsa.
Xehdet Mary Grech permezz ta' affidavit ipprezentat fit-3 ta' Dicembru, 2012 fejn qalet illi hija kienet legalment isseparata minn Dr Joseph Grech minn Settembru 1981. Hu kien baqa joqghod fl-istess triq ftit bibien il-fuq. Tghid illi meta kellhom l-ulied kienu ghamlu ftehim verbali illi l-proprjeta parafernali li Dr Grech kien wiret minghand missieru ma konniex ser immissuha biex tibqa' totalment ghaz-zewg uliedhom. Wara s-separazzjoni huma qatt ma rrinunzjaw ghal wirt ta' xulxin. Pero fl-2002 ghamel testment gdid u halli werrieta universali lil ohtu Maria Borg. Din ix-xhud tkonpli tixhed dettaljatament ir-ragunijiet ghaliex ma taqbilx mar-rapport tal-attur u fejn zbalja. Tghid ukoll illi l-attur kien talabha hlas ta' mitt ewro (€100) ghal vizta li kien ghamel lil Dr Joseph Grech  u hallsitu. Tghid ukoll illi l-attur ma tahomx is-servizz li nkarigawh jaghmel.
Xehed permezz ta' affidavit ukoll Ever Grech li jigi hu l-konvenut fejn qal illi l-attur kien ikkuntatjah fl-1 ta' Jannar, 2011 rigward rapport mitlub li kien ghadu pendenti. Filfatt kienu jikkommunikaw permezz ta' *emails* fejn l-attur kien jistaqsieh mistoqsijiet fuq missieru u x-xhud kien jirrispondihom.
Dan ix-xhud jghid illi fid-9 ta' Frar, 2011 kellhom il-kawza civili u kienu riedu r-rapport ghal din il-kawza. Meta x-xhud fakkar lil attur b'dan dan kien baghatlu '*interim report*' li kien jidher li sar bl-ghagla peress illi kellu hafna zbalji u anomaliji fih. Wara li x-xhud kien ghamilu mistoqsijiet diretti dwar ir-rapport u l-attur persistentement irrifjuta li jirrispondihom allura x-xhud kien baghat *email* lil attur biex jinfurmah illi ma kellux jipprocedi bl-inkarigu tieghu u dan kien fis-27 ta' Frar, 2011. Sitt sighat wara li ntbatghet din l-

*email* l-attur baghat rapport inkomplet u inkomplet li tieghu qed jippretenti hlas.

Gew prezentati diversi affidavits ta' nies li kienu jafu lil missier il-konvenut u cioe Dr Joseph Grech fejn xehdu fuq l-istat mentali ta' l-istess Dr Grech u dwar il-komportament u l-agir ta' Dr Joseph Grech fiz-zmien li ghalih il-konvenut talba r-rapport minghand l-attur.

Kunsiderazzjonijiet.

It-Tribubal jara illi l-konvenut mar ghand l-attur b'talba specifika u ghal rapport dwar zmien specifiku. Dan l-inkarigu gie accettat u nbeda x-xoghol fuqu. Skond il-konvenut dan ir-rapport tant ha zmien illi kien qed jitlef il-valur tieghu peress illi l-kawza li ghaliha riedu kienet miexja. Kien ghalhekk illi ttiehdet id-decizjoni illi l-attur jitwaqqaf mill-inkarigu permezz ta' *email* mibghuta minghand hu l-konvenut Dr Ever Grech fis-27 ta' Frar, 2011 u dan peress illi fit-8 ta' Frar, 2011 kien hareg rapport malajr malajr ghal kawza li kellha tinstema l-ghada fid-9 ta' Frar, 2011 liema rapport kien jidher ambigwu u mhux tal-livell mixtieq u li kien jidher li thejja ta'malajr malajr.

Minkejja dan Illi l-attur kompla bl-inkarigu tieghu u lesta r-rapport fis-27 ta' Frar, 2011 waral li kien ircieva l-*email* minghand Dr Ever Grech.

L-attur kien gie inkarigat mill-konvenut u mill-familja tieghu, inkluz missieru Dr Joseph Grech, ommu Mary Grech u huh Dr Ever Grech u dan kif ikkonfermant mir-rapport tal-attur stess li jghid illi '*Testator Dr. J.R. Grech (JRG) through his son Mr. Ivan Grech Mintoff (IGM), his other son Dr. Ever Grech (EG, currently residing abroad) and through Dr. J.R Grech's spouse made the request*,' u dan sabiex jipprepara rapport dwar l-istat mentali ta' missier l-intimat (cioe' ta' Dr Joseph Grech) b'referenza ghal zmien specifiku, u cioe' bejn l-2000 u l-2006 fiz-zmien meta l-imsemmi Dr Joseph Grech dahal fil-kuntratti tal-21 ta' Lulju, 2004 u tas-17 ta' Marzu, 2006 it-tnejn fl-atti tan-Nutar Ruben Casingena, u ghamel it-testment tat-23 ta' April, 2002;

Illi minkejja l-fatt li l-konvenut u l-familja tieghu kienu inkarigaw lill-attur sabiex jaghmel rapport dwar l-istat mentali ta' Dr Joseph Grech specifikament b'relazzjoni ghaz-zmien ta' meta saru l-atti pubblici msemmija aktar 'il

fuq, l-attur naqas milli jsegwi l-istruzzjonijiet tal-intimat u l-familja tieghu billi abbozza rapport li kien barra mill-parametri tal-istruzzjonijiet moghtija lilu u cioe' billi kiteb abbozz ta' rapport dwar l-istat mentali ta' Dr Joseph Grech propju fil-mument li sar l-istess rapport u mhux relatat mal-perjodu li mieghu l-inkarigu kien marbut;

L-attur ma jistax jissejjah '*rapport*' billi m'huwiex finalizzat izda hu biss abbozz tant li l-attur stess meta baghtu ma ffirmahx u ammetta li dan ma kienx finali: '*I am sure there are items you may wish to raise. It is best to schedule these for a face to face meeting or at best a phone call…*' (email tas-27 ta' Frar, 2011 mibghuta mill-attur lill-esponent u lil huh'.

Illi l-abbozz tar-rapport mibghut mill-attur fis-27 ta' Frar, 2011 huwa minghajr ebda utilita' u dan ghaliex il-konvenut ma kellux bzonn ta' rapport iehor stante li diga' kellu f'idejh zewg rapporti minn zewg professjonisti ohra li kienu jirrelataw propju dwar l-istat mentali attwali ta' Dr Joseph Grech. Kien hemm diga' r-rapport ta' Dr Etienne Muscat tat-13 ta' April, 2009 fejn gie iccertifikat illi Dr Joseph Grech kien qieghed isofri minn stat tant avvanzat ta' dimentia li kien jinsab permanentament nieqes mill-kapacita' li jiehu decizjonijiet dwar il-persuna u l-propjeta' tieghu, opinjoni sorretta ukoll minn Dr Brian Farrugia li fl-4 ta' Marzu, 2009 iccertifika illi Dr Joseph Grech ma kienx kapaci jiehu decizjonijiet u ma kienx f'tali stat mentali li jista' jirritorna d-dar. Ma kien hemm ebda htiega li jsiru rapporti ulterjuri dwar l-istat mentali attwali ta' Dr Joseph Grech billi dan kien diga' gie accertat. Barra minn hekk il-konvenut ma kellu bzonn l-ebda rapport minghand l-attur dwar l-istat mentali prezent ta' Dr Joseph Grech in vista tal-fatt li, f'dak il-punt, l-imsemmi Dr Grech kien diga' gie interdett mill-Qorti kompetenti tant li l-konvenut kien gie appuntat bhala kuratur tieghu. Il-konkluzjoni unika tal-abbozz tar-rapport li rrediga l-attur hija li '*I hereby declare that at present, Dr Joseph R. Grech ID 332724(M) lacks the mental capability to draw up a will (or modify an existing one). Her furthermore lacks the capacity to sign legally binding documents or contracts'* – konkluzjonijiet li kienu fiergha stante li f'dik id-data diga' kien hemm digriet tal-Qorti li ddikjara lil Dr Joseph Grech inkapaci u ghalhekk gie interdett;

Illi inoltre tant hu minnu dak li inghad fil-paragrafu precedenti li fl-affidavit tieghu stess l-attur jikkonferma li l-perijodu rilevanti ghall-inkarigu moghti lilu mill-esponenti u l-familja tieghu kien dak passat u mhux dak prezent: ‘Il-konvenut kien infurmani illi kien jehtieg is-servizzi professjonali tieghi sabiex nevalwa l-kapacita’ mentali ta’ missieru it-tabib Joe Grech ghall-perjodu 2004-2006 sabiex jersaq fuq kuntratt u/jew jirredigi testament.’ Minkejja dan l-attur irrediga rapport fejn il-konkluzjoni raggunta kienet b’referenza specifikament ghaz-zmien prezent li fih sar ir-rapport (2011) u ghalhekk espressament barra mill-inkarigu moghti lill-attur.

Illi r-relazzjoni bejn il-professjonista u l-klijent tieghu m’hijiex differenti minn dik ir-relazzjoni bejn il-mandatarju u l-mandant li temergi mill-istitut tal-mandat u dan kif ritenut mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili permezz tad-decizjoni tal-10 ta' Novembru, 2004 fl-ismijiet 'Georgia Enterprises Limited -vs- Dottor Remigio Zammit Pace et' (Citazz. Nru 1360/1996) fejn l-imsemmija Onorabbli Qorti irreilevat li: *'...jibda biex jigi osservat illi r-rapport professjonali jippostula l-konferiment ta' inkarigu relattiv. Inkarigu dan li jattiva ruhu permezz ta' manifestazzjoni ta' kunsens, u ghalhekk ir-rikjesta ta' prestazzjoni da parti tal-klijent-kommittent tikkostittwixxi talba ghall-ezekuzzjoni ta' l-istess prestazzjoni, hekk, indubbjament, wahda di fare. Dan ir-rapport huwa ghalhekk inerenti ghall-istitut tal-mandat (Kollez. Vol. XLI P I p 572).'*

Illi ghaldaqstant fil-kawza odjerna, il-konvenut huwa essenzjalment wiehed mill-mandanti (l-ohrajn huma missieru, illum mejjet, huh Dr Ever Grech u ommu Mary Grech) u l-attur huwa l-mandatarju u ghalhekk, bhala mandatarju, l-attur kellu jirrispetta l-istruzzjonijiet tal-klijenti tieghu u ma kellux imur oltre dak li gie istruzzjonat minnhom. Id-duttrina tal-Qrati taghna kostantament ikkonfermat illi meta l-istruzzjonijiet tal-mandant ma jigux rispettati mill-mandatarju, l-atti ultra vires tal-mandatarju ma jistghux jorbtu lill-mandant, u dan kif rilevat mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni taghha ta' nhar it-28 ta' Jannar, 2004 fl-ismijiet 'Emanuel Frendo -vs- Carmelo Azzopardi et' fejn dik l-Onorabbli Qorti qalet illi: *'Meta dan ma jsirx u fl-ezekuzzjoni tal-mandat il-mandatarja teccedi l-poteri lilha konferiti hi ma tobbligax lill-*

*mandant hlief jekk dan espressament jew tacitament jirratifika l-operat taghha [Artikolu 1880(2) tal-Kodici Civili].'*

Illi inoltre jigi rilevat illi kif gie ritenut mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza precitata fl-ismijiet Georgia Enterprises Ltd vs Dr Remigio Zammit Pace et, 'f'kaz li tinsorgi kontestazzjoni l-prova tal-konferiment [tal-inkarigu lill-professjonist] trid issir mill-professjonist li jkun qed jagixxi ghall-hlas tad-drittijiet tieghu.' Issa fil-kaz odjern il-professjonist, li fuqu jinkombi l-oneru li jipprova x'kien l-inkarigu moghti lilu, ammetta hu stess fix-xhieda tieghu li l-inkarigu kien relattiv ghal zmien passat b'referenza ghall-kuntratti ta' trasferiment li kien ghamel Dr Joseph Grech.

Illi rigward il-konsulenzi ma' Dr Fenwich il-konvenut u l-familja tieghu qatt ma gew infurmati bl-allegata necessita' tal-imsemmija konsulenzi, u l-attur qatt ma talabhom il-kunsens taghhom biex jottjeni opinjonijiet ta' konsulenti ohra (specjalment meta dan kien ser jinvolvi spejjez ulterjuri). Dan apparti li zgur li ma kien hemm ebda necessita' li l-attur jikkonsulta ma' esperti barranin fuq dan il-kaz, u l-konsulenza li l-attur kellu ma' Dr Peter Fenwick zgur li ma kienitx mehtiega ghall-esekuzzjoni tal-mandat moghti lilu. L-attur huwa psikjatra bi kwalifiki estensivi u jidher ta' sikwit fuq il-mezzi tax-xandir fil-kwalita' professjonali tieghu. Zgur li kieku ried jesegwixxi fedelment l-inkarigu moghti lilu, il-mandat seta' jigi ragonevolment ezegwit mill-attur minghajr il-konsulenzi li ghamel. Hadd mill-psikjatri l-ohra li ukoll gew imqabbda mill-konvenuti jaghmlu rapport in materja ma hassew il-htiega li jitolbu opinjonijiet ta' konsulenti mill-esteru.

Illi mbaghad l-Artikolu 1887(1) jiddisponi li l-mandant jista' jnehhi l-mandat kull meta jrid. Fil-kaz odjern jirrizulta li l-mandanti rrevokaw l-inkarigu moghti lill-attur permezz ta' *email* tas-27 ta' Frar, 2011 li kienet cara daqs il-kristall u ghalhekk minn dak il-hin il-mandat gie revokat u mitmum u l-attur ma kien awtorizzat jaghmel ebda haga ohra in esekuzzjoni tieghu. Kwindi kwalsijasi abbozz li huwa hejja u kkonsenja wara r-revoka tal-istess mandat sar minghajr ebda awtorizzazzjoni u certament ebda hlas ma hu dovut ghalih. L-abbozz intbaghat f'paniku wara l-istruzzjonijiet tal-klijenti biex jirrevokaw il-mandat, tant hu hekk li, filwaqt li ma rrispondiex direttament ghall-*email* tar-revoka tal-

inkarigu, sitt sieghat wara l-attur baghat abbozz ta’ malajr tar-rapport.
Illi inoltre ghandu jigi pprecizat li l-kont tal-attur wasal biss wara li intbaghat l-abbozz tar-rapport u ghalhekk wara li l-inkarigu kien gie revokat permezz tal-*email* tas-27 ta’ Frar, 2011. Ghalhekk jidher li mhux minnu li l-inkarigu tal-attur gie terminat wara li l-attur hareg il-kont tieghu. L-inkarigu gie terminat minhabba dewmien ezagerat qabel ma biss kien hemm abbozz u wisq iktar qabel ma nhareg il-kont.
It-Tribunal ihoss illi donnu l-attur qed jallega li l-konvenut ma jridx ihallsu peress illi ma qabilx mal-konkluzjonijiet tar-rapport izda jidher li mhux il-konkluzjonijiet mhux dawk rikjesti izda z-zmien in ezami. Li kieku l-attur hass li ma setgha jaghmel rapport fuq iz-zmien mitlub allura messu ma accettax l-inkarigu.
It-Tribunal ghal dawn il-motivi u ragunijiet jaqta u jiddecidi billi jichad it-talbiet attrici u jilqa’ l-ewwel, it-tieni u tielet eccezzjonijiet.

Spejjez tal-kawza ghandhom jithallsu billi kull parti thallas l-ispejjez taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------